

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 87/2017****tal-5 ta' Mejju 2017****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE [2019/199]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2045 tas-L-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 f'dak li għandu x'jaqsam mas-sustanza gamitromiċin⁽¹⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2074 tal-25 ta' Novembru 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 37/2010 fir-rigward tas-sustanza saliċilat tal-aluminju, bażiku⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin jiżdiedu fil-punt 13 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010) tal-Kapitolu XIII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

- **32016 R 2045:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2045 tal-L-Erbgħa, 23 ta' Novembru 2016 (ĠU L 318, 24.11.2016, p. 3),
- **32016 R 2074:** Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2074 tal-Il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2016 (ĠU L 320, 26.11.2016, p. 29)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2045 u (UE) 2016/2074 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-6 ta' Mejju 2017, bil-kundizzjoni li jkun saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Mejju 2017.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Claude MAERTEN

⁽¹⁾ ĠU L 318, 24.11.2016, p. 3.

⁽²⁾ ĠU L 320, 26.11.2016, p. 29.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.